Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 82 / 2018

Il-Pulizja

Vs

Edward Zammit

Illum 12 ta' Dicembru, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Edward Zammit detentur tal-karta tal-identita Maltija 166383M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fil-31 ta' Dicembru, 2015 ghal-habta ta' 11:30 a.m. fi Triq in-Naxxar, B' Kara waqt li kien qed isuq il-mutur bin-numru tar-registrazzjoni DOX 001;

1. U b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-art jew professjoni jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma vettura nru KTH 211 u nvolontarjament ikkaguna hsarat ghad-dannu ta' Keith Lia;

2. Kif ukoll saq l-imsemmi mutur b' manjiera traskurata;

3. B' manjiera perikoluza;

4. Kif ukoll bla kont;

5. U aktar naqas li jzomm fuq in-naha tax-xellug tat-triq.

l-Prosekuzzjoni titlob li jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-27 ta' Frar, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-MVR 75 LS 65.11, ma sabitx lill-imputat Edward Zammit hati tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjoni fil-konfront tieghu, ssibu hati ta' l-ewwel (1), it-tieni (2) u l-hames (5) imputazzjoni, ikkundannatu multa komplessiva ta' mitejn Ewro (€200) u skwalifikat lill-hati Edward Zammit minn kull licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' tmint (8) ijiem li jibdew min-nofs il-lejl tal-lum.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Edward Zammit, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-5 ta' Marzu, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tvarja s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti in kwantu din sabet lill-esponent hati ta' l-ewwel, tieni u hames akkuza u in kwantu gie kkundannat ihallas multa ta' mitejn Ewro (€200) u gie skwalifikat minn kull liéenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' tmint (8) ijiem billi ma ssibux hekk hati ta' tali akkuzi u konsegwentement tilliberah mill-imputazzjonijiet kollha li tressqu fil-konfront tieghu u tirrevoka l-ordni ta' hlas tal-multa ta' mitejn Ewro (€200) u tirrevoka l-iskwallfika minn kull licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' tmint (8) ijiem stipolati fis-sentenza appellata, filwaqt li tikkonferma l-istess sentenza in kwantu din illiberat lill-esponent mit-tielet u raba' akkuza biex b' hekk l-esponent jigi liberat mill-imputazzjonijiet kollha li tressqu fil-konfront tieghu.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant Edward Zammit li huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

**L-ewwel aggravju**

Illi permezz ta' dan l-ewwel aggravju qed jinghad fl-ewwel lok illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi bil-konsegwenza illi din sabet htija fil-konfront tieghu meta din il-htija ma kellhiex tinstab u ma setghetx ragjonevolment tinstab.

Illi qabel xejn jigi enfasizzat li permezz ta' dan l-aggravju, l-esponent qed jikkontesta n-nuqqas ta' apprezzament ta' fatti sostanzjali li kellhom jitqiesu li kienu tassew relevanti in konnessjoni ma' dik li kellha mbaghad anki tkun l-applikazzjoni tal-ligi relattiva u konsiderazzjonijiet gurisprudenzjali relevanti ghall-istess fatti li kellhom jigi kkonsidrati izda li ma gewx u li kellhom jinghataw piz li pero' ma inghatawx kif spjegat ahjar fit-tieni aggravju.

Illi ghalkemm matul is-smiegh ta' dawn il-proceduri, xehdu fost ohrajn l-esponent kif ukoll Keith Lia li taw il-verzjoni rispettiva taghhom fejn it-tnejn li huma taw r-ragunijiet ghalfejn kienu qed isostnu li ma kellhomx jitqiesu responsabbli ghall-incident li sehh, bit-tnejn li huma jimputaw htija fil-konfront ta' xulxin, ghandu jirrizulta li l-prova ta' cctv footage kif ukoll diversi punti li rrizultaw mix-xhieda li inghatat kemm minn Keith Lia kif ukoll mix-xufier tal-bus li ssemmiet aktar kmieni kellhom iwasslu ghall-konkluzjoni li l-esponent ma kellux jitqies li kien hati ta l-akkuzi li tressqu fil-konfront tieghu u li konsegwentement u l-htija ghall-istess incident kellha tkun imputabbli ghal Keith Lia — li minflok gie liberat mill-akkuzi kollha li tressqu kontrih — fatt li jispjega ghalfejn mizjud ma' dan l-appell, l-esponent talab sabiex titlob ikun hemm appell ukoll mis-Sentenza li inghatat fil-konfront ta' Keith Lia.

Illi fir-rigward ta' dawk il-fatti ta' relevanza li ma gewx ikkonsidrati mill-Ewwel Qorti u li wasslu ghal applikazzjoni konsegwenzjali hazin tal-ligi u tal-prinôipji solitament applikabbli f' kazijiet simili, issir referenza ghas-segwenti:

1. Illi matul is-smiegh ta' dawn il-proceduri kellu jirrizulta li ghalkemm ix-xufier tal-bus hawn fuq indikata, pruvat tixhet it-tort ghall-incident fuq l-esponent, ghandu jirrizulta li l-istess xufier kellha effettivament ragunijiet ulterjuri

ghalfejn pruvat tixhet it-tort fuq l-esponent, u dan primarjament stante li fuq ammissjoni ta' l-istess xhud, kienet hi li kienet ittawlet ghal Keith Lia (u konsegwentement indikatlu) biex johrog mis-side road (pg 5, 6 u 11 ta' l-istess xhieda) meta din ammettiet ukoll li ma kinitx rat lill-esponent gej minn warajha bil-mutur. B' hekk din kellha kull interess li tixhet it-tort fuq l-esponent biex tezimi ruhha minn dik li setghat titqies bhala nuqqas taghha li tindika lil Keith Lia biex dan johrog ghat-triq principali meta hija ma kinitx rat lill-esponent gej mill-genb taghha.

L-istess xufier ukoll pruvat tallega li t-triq ma kinitx wiesa' bizzejjed biex tippermetti lill-esponent jibqa' fuq l-istess karreggjata taghha waqt li hi kienet wieqfa filwaqt li ma jkunx qabez in-nofs tat-triq mentri l-iskizz li sar fir-rigward tat-triq in kwistjoni jindika li din kellha wisa' ta' 8.2m li hi wisa' li tikkonferma li nofs it-triq kellha wisa' ta' circa 4.lm u li b' hekk tippermetti li mutur jibqa' fuq l-istess karreggjata ta' lejn kien hemm tal-linja li bejn wiehed u iehor ghandha wisa' ta' 2.54m kif jirrizulta mir-referenza ghad-dettalji li jinsabu ndikati fuq is-sit elettroniku ta' buses li gew introdotti Malta kif hawn taht riferuta.[1]

2. Illi fis-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti, gie kkonsidrat erronjament Li l-esponent kien ghamel manuvra ta' overtaking u mhux filtering meta huwa ma baqax wara l-karozza tal-linja meta din waqfet

F' dan ir-rigward pero' jigi puntwalizzat Li anki minn harsa lejn il-filmat ta' cctv, il-manuvra li kien ghamel l-esponent ma setghat qatt titqies li kienet ekwivalenti ghal overtaking ghaliex il-karozza tal-linja mhux biss kienet wieqfa fil-mument li hu ghadda minn hdejha izda kienet sahansitra tefghet fil-

[1] https://www.busworId.org/articies/detail/2906/malta-gets-33-otakar-kent-12rn-buses

genb tant li ghandu jirrizulta car mill-filmat li din kienet kwazi gie bi dritt il-bankina fuq in-naha tax-xellug ta' l-istess bus.

Illi b' hekk kellu jitqies li l-esponent kien ghamel manuvra korretta ta' filtering meta huwa baqa' ghaddej u ma waqaft wara l-karozza tal-linja proprju ghaliex din kienet waqfet u tefghat mal-genb.

Illi bir-rispett kollu ghandu jitqies li l-Ewwel Qorti kienet tkun korretta fil-konkluzjoni dwar overtaking li kieku l-esponent ghadda lill-karozza tal-linja waqt li din kienet ghadha miexja jew li kieku din kienet qed tostakola l-karreggjata kollha izda ghandu jirrizulta li dan ma kienx il-kaz.

Illi ghalkemm it-triq in kwistjoni ma kellhiex linji li jaqsmu z-zewg karreggjati, ghandu pero jirrizulta li bejn iz-zewg karreggjati, lejn in-naha tan-nofs tat-triq, it-tarmac jidher li kien aktar skur u li l-esponent kien ghadda mill-mutur tieghu fuq in-naha tal-karreggjata tieghu meta ghadda minn mal-karozza tal-linja tant li ghadda fuq in-naha ta' gewwa tal-parti fejn hemm it-tarmac aktar skur. Kien ikun biss li kieku l-esponent kien fuq in-naha esterna tat-tarmac skur li kien ikun jista' jitqies li kien kiser fuq in-naha l-ohra tat-triq izda dan ma kienx il-kaz.

Illi dan kollu jwassal fl-ewwel lok ghall-konkluzjoni li l-hames akkuza li nstab hati ghaliha u cioe' li naqas milli jzomm fuq in-naha tax-xellug tat-triq ma kellhiex tirrizulta ghaliex effettivament huwa ghandu jirrizulta li kien baqa' jsuq fuq il-karreggjata tajba tat-triq.

Illi pero' l-iskop ta' dan l-ilment mhux biss dak li jelimina l-htija fir-rigward tal-hames imputazzjoni izda li jwassal ghall-konkluzjoni li l-Qorti kienet inkorretta fil-konkluzjoni taghha li l-esponent kien hati ta' l-akkuzi l-ohra li nstab hati ghalihom.

3. Illi min-naha l-ohra l-Ewwel Qorti kkonkludiet li l-esponent messu baqa' wara l-karozza tal-linja meta din waqfet u dan minkejja li mill-filmat ta' cctv kellu jirrizulta li din il-bus mhux biss kienet waqfet izda kienet tefghat fil-genb u b' mod inklinat, b' mod li ppermettiet lill-esponent sabiex jibqa' ghaddej minn ma genb l-istess bus minghajr ma jaffetwa l-kareggjata l-ohra.

   Illi l-konsegwenza ta' din l-osservazzjoni kellha tkun ukoll li effettivament kellu jkun Keith Lia li kellu jitqies li meta kiser ghal fuq il-main road huwa kiser b' mod traskurat u inkorrett u dan ghaliex kiser b' mod li qata' angolu kwazi b' mod dritt minflok b' mod angolat u li kien propju ghalhekk li dan spicca dahal fuq l-esponent head on **meta l-vettura tieghu kienet sahansitra ghadha lanqas biss waslet ghal fuq il-karregjata opposta - proprju ghaliex kiser l-angolu hazin u baqa' hiereg b' mod kontinwu flok ta' l-inqas waqaf bi dritt il-karozza tal-linja flok baqa' hiereg oltre!**

   Illi kellu jirrizulta li kieku Keith Lia dar ghal fuq it-triq principali b' mod korrett u ma baqax hiereg oltre l-karozza tal-linja, dan kien ikollu viswal ahjar biex jara lill-esponent gej u kien ikollu cans illi jieqaf u jhalli lill-esponent ghaddej minflok spicca go fih.

4. Illi ghandu jirrizulta wkoll li l-istess xufier tal-bus ikkonfermat ukoll li effettivament mid-direzzjoni opposta ma kien gej ebda traffiku peress li kien hemm red lights aktar ' il quddiem — raguni li tispjega ghalfejn l-esponent, meta ra lill-bus titfa' fil-genb, ghazel jibqa' ghaddej, mhux biss ghaliex kellu bizzejjed spazju li jghaddi fl-istess karregjata tal-bus izda anki ghaliex minn faccata ma kien gej ebda traffiku - **fatt pero' li l-Ewwel Qorti ma tatu ebda konsiderazzjoni in konnessjoni ma' dik li kellha titqies ir-raguni ghalfejn l-esponent kellu jitqies li kien korrett fic-cirkostanzi li jibqa' jsuq minn ma genb il-bus u mhux jieqaf warajha - kemm proprju ghaliex din effetivament kienet tefghat fil-genb, kif ukoll ghaliex minn faccata ma kien gej ebda traffiku.**

5. Illi effettivament irrizulta li Keith Lia fix-xhieda moghtija minnu kkonferma li hu kien baqa' hiereg mis-side road ghal fuq il-main road minkejja li l-karozza tal-linja li kienet waqfet fil-main road kienet qed tostakolalu l-vizwal tal-istess triq minn fejn kien gej bil-mutur l-esponent. Jikkonferma fuq mistoqsija li saritlu f' pagna 3 tax-xhieda moghtija minnu fit-30 ta' Marzu 2017, li baqa' hiereg ghall-main road wara li x-xufier tal-linja kienet ghamlitlu sinjal biex johrog minkejja li minhabba l-istess bus, huwa ma seta jara xejn aktar biha fir-rigward ta' kwalsiasi traffiku li seta kien gej mill-istess naha tal-bus. Fil-fatt fl-istess xhieda jirrizulta s-segwenti:

| | |
|---|---|
| *Pros:* | *Issa, meta inti, minn fuq l-istop sign, jigifieri mill-mument li inti ddecidejt li taghmel manuvra biex tobrog, kemm stajt tara mid-direzzjoni ta' minn fejn kienu gejjin il-karozzi?* |
| *Xhud:* | *In-naha d-direzzjoni li kont tiela' jiena jigifleri?* |
| *Pros:* | *Fejn kont sejjer. Dawk gejjin, jigifieri tal-linja, kemm stajt tara vetturi wara tal-linja? Kemm kellek vizwal? Kellek vizwal ta' kemm metri?* |
| *Xhud:* | *Wara tal-linja ma kellix. Ma kontx qed nara, ghax tal-linja kienet twila.* |

Illi b' hekk irrizulta li l-istess Keith Lia baqa' hiereg ghal fuq it-triq principali minkejja li ma kienx qed jara x' gej mid-direzzjoni ta' l-istess bus.

Illi fil-fatt kienet is-sentenza appellata innifisha li effettivament ikkoncediet fir-4 pagna tas-sentenza moghtija illi:

*"Il-Qorti tifhem li Keith Lia hu u hiereg ftit li xejn seta' jkollu vizwali cara ta' vetturi li setghu kienu qeghdin jaqbzu lil tal-linja u dan peress li tal-linja hija karozza gholja."*

Haga ta' l-iskantament pero' minkejja dan kollu l-istess Qorti kkonkludiet b' mod tassew kontradittorju li l-istess Keith Lia ma kien hati ta' ebda nuqqas meta dan baqa' hiereg ghal fuq it-triq principali minkejja li kellu l-viswal mghotti bil-bus imsemmija — u dan kontra l-linja kostani ta' gurisprudenza li anki ligijiet li effettivament jixhtu l-oneru principali dwar il-kawtela li

ghandha tigi esercitata f' kazijiet simili fuq min ikun hiereg mis-side road, kif anki ser jigi spjegat aktar tard fit-tieni aggravju.

Minn ta' lanqas wiehed ghaldaqstant kien jistenna li l-Ewwel Qorti tikkastiga n-nuqqas ta' Keith Lia li baqa' hiereg b' mod traskurat ghal fuq it-triq principali minflok tixhet it-tort fuq l-esponent, ladarba kien effettivament Keith Lia li baqa' hiereg minkejja li ma kellux viswal tajjeb tan-naha tal-lemin tat-triq fuq in-naha tieghu hu u hiereg mis-side road.

6. Illi tenut kant ta' dak li kkonsidrat l-istess Qorti, kellu effettivament jitqies li l-prudenza kienet titlob li Keith Lia fic-cirkorstanzi ma messux baqa' hiereg ghat-triq principali ladarba kellu l-viswal mghotti b' tal-Linja.

Kellu jitqies ukoll Li l-istess Keith Lia kien hati wkoll talli naqas milli jesercita l-prudenza necessarja huwa u hiereg mis-side road.

Dan qed jinghad ghaliex **anki jirrizulta mis-cctv footage, meta dan ghazel li johrog ghal fuq it-triq principali, dan effettivament baqa' hiereg mis-side road f' moviment wiehed minflok hareg bil-mod il-mod, billi jimxi ftit u jieqaf, jimxi ftit iehor u jieqaf u b' mod kawtel biex ikun jista' jara x' kien gej anki min-naha tad-direzzjoni fejn kienet stazzjonata l-bus hawn fuq imsemmija.**

**Illi pero' minkejja dak li jirrizulta mis-cctv footage imsemmi, u minkejja l-enfasi li saret dwar dan il-punt meta l-istess Qorti rat il-filmat in awla, is-sentenza appellata ma tat ebda konsiderazzjoni ghall-fatt li Keith Lia baqa' hiereg b' mod traskurat — mentri effetivament kellu jirrizulta li kien proprju ghalhekk li Keith Lia baqa' diehel fl-esponent - cioe ghaliex huwa kien baqa' hiereg mis-side road fil-ghama u minghajr ma hareg bil-mod il-mod izda b' manuvra wahda kontinwa** — fatt li jirrizulta car mill-filmat ta' cctv li ghalih issir referenza.

7. Irrizulta wkoll li Keith Lia effettivament lanqas ghafas il-break qabel ma l-vettura tieghu laqtet il-mutur misjuq mill-esponent tant li din baqghat sahansitra timxi ' il quddiem ghal xi metri sahansitra wara l-impatt ma' l-esponent qabel ma din waqfet — **fatt iehor li s-sentenza appellata injurat minkejja li dan jikkonferma kemm l-istess xufier, kuntrarjament ghal dak li kkonkludiet l-Ewwel Qorti ma esercita ebda proper look out hu u hiereg tant li lanqas biss ra lill-esponent gej u baqa' miexi anki wara li laqtu!**

Minflok dan kollu l-Qorti kkummentat biss fuq dik li skond il-fehma taghha kienet li velocita' li deher li kien gej bih l-esponent fuq il-mutur tieghu li skont il-Qorti kienet aktar minn 27 km/hr ndikati mill-esponent fix-xhieda tieghu — pero' wiehed isaqsi minn fejn il-Qorti kkonkludiet dan kollu meta minn harsa lejn il-mod kif kien gej bil-mutur l-esponent qabel ma dahlet il-vettura ta' Keith Lia go fih ma jidhirx li kien gej b' xi heffa esagerata? (fatt li jispjega ghaliex l-incident ma kellux konsegwenzi fatali ghall-esponent li minflok sofra ksur f' saqajh proprju ghaliex l-impatt kien principalment fuq saqajh meta l-vettura l-ohra habtet kwazi frontalment fuqu).

Illi effettivament anki semplici kalkolu approssimattiv bazat fuq kakolu ta' kopertura ta' distanza ta' circa disgha metri (tul tal-karozza tal-linja kif jirrizulta mid-dettalji provduti mis-sit elettroniku ndikat aktar kmieni[2]) li skond il-filmat ta' cctv gew koperti mill-esponent bil-mutur f' circa sekonda u nofs, jwasslu ghal kalkolu ta' cirka 21 Km/hour (meta wiehed jikkalkula (9 metri f' sekonda u nofs ekwivalenti ghal 6 metri per sekonda (i.e. 360 metri fil-minuta u 21,600 metru fis-siegha jew 21.6 km/hr — altru minn velocita aktar minn dik li fis-sentenza giet rappurtata li gie indikata mill-esponent fix-xhieda tieghu!

Illi dwar dan kollu gie ghaldaqstant sottomess li l-esponent ma kellux jinstab hati ta' ebda nuqqas in konnessjoni ma' dan l-incident u li b' hekk kellu jigi

[2] https://www.busworld.org/articles/detail/2906/malta-gets-33-otokar-kent-12m-buses

liberat minn kull akkuza li tressqet fil-konfront tieghu anki sempliciment a bazi ta' apprezzament aktar akkurat tal-provi u tal-fatti li rrizultaw.

Illi pero' dan l-appell ma jieqafx hawn u dan proprju ghaliex in-nuqqasijiet imputabbli ghall-Ewwel Qorti kif hawn fuq indikati wasslu wkoll ghall-konsegwenza li l-Ewwel Qorti naqset ukoll milli taghmel applikazzjoni korretta ta' dawk il-ligijiet u principji gurisprudenzjali li kellhom jitqiesu applikabbli u li kellhom mhux biss jehilsu lill-esponent minn kull responsabilita' ghall-akkadut izda kellhom ukoll iwasslu ghall-konkluzjoni li l-htija ghall-incident kellha titqies li kienet imputabbli ghal Keith Lia biss— b' hekk ukoll l-insistenza li jsir appell ukoll fil-konfront tas-sentenza li inghatat fil-konfront ta' din li persuna li gie liberata mill-akkuzi kollha li tressqu kontriha.

**It-tieni aggravju:**
Illi dan l-aggravju sejjer ghaldaqstant jelenka l-punti legali u gurisprudenzjali li l-Ewwel Qorti naqset multi tapplika minkejja l-applikabilita' li relevanza ta' l-istess punti.

1. Fir-rigward ta' ligijiet li kellhom jitqiesu applikabbli fil-konfront tal-mod kif hareg bil-vettura tieghu Keith Lia u li kellhom jitqiesu li kienu ghaldaqstant in-nuqqasijiet imputabbli lill-istess sewwieq (bil-konsegwenza li l-esponent jigi liberat mill-akkuzi mressqin kontrieh in vista tal-htija tas-sewwieq l-iehor), issir referenza ghas-segwenti fir-rigward ta' dak li tipprovdi l-Legislazzjoni sussidjarja 65.11 imsejjha **Regolamenti dwar il-vetturi bil-mutur**:

(a) Id-dritt tas-sewqan hi favur min ikun ghaddej mit-triq principali — kif konfermat mill-Ewwel parti ta' l-artikolu 76 ta' din il-Ligi sussidjarja:

*76. Triq principali hi dik li t-traffiku kollu li jkun ghaddej minnha jkollu d-dritta ghas-sewqan u t-traffiku fit-toroq kollha li jaghtu ghaliha ghandhorn jaghmlu l-wisa' lil dak tat-triq principali…,*

U minn parti mill-artikolu 82 (1) li jipprovdi li:

*Id-driver ta' vettura li jkun gej minn triq sekondarja ghal triq principali ghandu jhalli jghaddi t-traffiku tat-triq principali.*

Illi ghalkemm dan l-istess artikolu jkompli jghid illi kull sewwieq ta' kull vettura sew fi triq principali sew f' wahda sekondarja ghandu joqghod attent il-hin kollu u ghandu jiehu l-prekawzjonijiet kollha mehtiega f' kull kantuniera, ghandu pero' jirrizulta li l-oneru principali kellu jitqies li kien dak tas-sewwieq Keith Lia tenut kont li dan kien hiereg hu minn side-street ghal fuq triq principali.

(b) <u>Ksur ta' l-obbligu ta' Keith Lia li jikser ghal fuq it-triq principali bil-mod.</u>

F' dan ir-rigward ghandu jirrizulta li s-sentenza appellata injorat l-obbligi legali ta' min ikun hiereg minn side-road u dan ir-rigward issir referenza ghall-artikolu 71 ta' l-istess legislazzjoni sussidjarja li jipprovdi:

*71. Kull min ikun isuq vettura ghandu,* ***<u>qabel ma jilwi kantuniera</u>*** *jew qabel ma jersaq lejn salib it-toroq, imexxi bil-mod u jaghmel sinjal biex juri ghal liema naha bi hsiebu jigbed.* (enfasi mizjuda)

Illi l-artikolu su citat ghaldaqstant jaghmilha cara li min jilwi kantuniera jrid joqghod attent bil-mod kif ikun hiereg mentri kif spjegat fil-paragrafi numri 3, 5, 6 u 7 taht l-ewwel aggravju, in-nuqqasijiet imputabbli ghas-sewwieq Keith Lia f' dan ir-rigward kienu numerevoli u konsiderevoli — izda l-Ewwel Qorti inspjegabilment injorat dan kollu bhal li kieku meta kienet qed tosserva l-filmat ta' cctv ma harsitx lejn il-mod kif instaqet il-vettura misjuqa minn Keith Lia, il-mod kif din harget mis-side road, b' moviment wiehed flok hareg ftit ftit. L-anqas ma inghatat kaz ghall-angolu hazin li hareg bih l-istess Keith Lia.

(c) Illi in konnessjoni ma' dak hawn fuq spjegat ghandu jirrizulta li l-Ewwel Qorti kkonsidrat ukoll erronjament li Keith Lia ma kien hati ta' ebda nuqqas ta' proper lookout mentri l-gurisprudenza dwar dan il-punt tikkonferma li l-istess sewwieq kien hati ta' nuqqasijiet ta' osservanza ta' dawk li kellhom jitqiesu li kienu l-obbligi magguri tieghu bhala sewwieq li kien hiereg minn side road.

F' dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-7 t' Ottubru 2015 fl-ismijiet *Kevin Vella vs David Briffa* (310/2007 JPG) li saret sahansitra referenza ghaliha fit-trattazzjoni quddiem l-Ewwel Qorti b' mod partikolari ghal dak li qed kkwotat minnha minn f' pg 8 sa 12 hawn taht:

Dwar il-kuncett ta' proper look-out saret referenza ghal dak li gie addottat rnill-Qrati Inglizi fil-kawzi Newhaus N.D. vs Bastion Insurance Co. Limited, fejn il-Qrati Inglizi rritenew:

"Keeping a proper look-out means more than looking straight ahead — it includes awareness of what is happening in one' s immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well"

Issa f' dan il-kaz irrizulta li Keith Lia qatt ma kellu veduta tat-triq kollha specjalment fuq in-naha ta' minn fejn kien gej l-esponent minhabba li kien hemm il-vista tat-triq ostakolata mill-karozza tal-linja;

B' hekk kellu jitqies li kien ukoll hati ta' dak indikat fl-istess paragrafu sussegwenti f' pg 8 ta' l-istess sentenza fejn din irreferiet ghan-nuqqas:

*"bi vjolazzjoni cara tar-Regola fondomentali li tiggverna s-sewqan, dik cioe' illi min isuq kellu jkun f' kull hin konxju ta' dak li kien qed jigri madwaru fit-triq, b' mod li jkun f' posizzjoni li tempestivament jirreagixxi ghal kull eventwalita"*

L-istess ghandu jinghad ghal Keith Lia li qatt ma seta' jitqies li kien jaf dak li kien qed jigri madwaru ladarba tal-linja ostakolatlu l-vista u ladarba hu baqa' hiereg b' mod kontinwu flok ftit ftit.

B' referenza ghal dan l-ahhar kumment fil-fatt l-istess sentenza ghamlet referenza ghall-oneru ta' min ikun gej minn side-street kif kien gej Keith Lia fejn indikat illi:
Ir-Reg. 76 tar-Regolamenti tal-1994 dwar il-Vetturi bil-Mutur (AL. 128 tal-1994 kif emendat) ighid li:

*"triq principali hi dik li t-traffiku kollu li jkun ghaddej minnha jkollu d-dritta ghas-sewqan u t-traffiku fit-toroq kollha li jaghtu ghaliha ghandhom jaghmlu l-wisa' lil dak tat-triq principali"*

Kif ukoll:

Artikolu 75 tal-Highway Code, jghid li Stop means Stop. Fil-manwal Driving — The Department of the Environment Manual wiehed isib:

*"On a stop sign you must stop. You must not then drive on and enter on the major road until you can do so without causing danger or making drivers on that road change speed or direction."*

U:

*L-awtur Gibb pagna 62 tal-ktieb The Trial of Motor Car Accident Cases jsostni:*

*' … The side road user has a higher duty only in the sense that anyone who is called to fulfil a duty which is riskier than another duty is bound to use greater care than he who carries the other. Entering one road from another is more difficult than continuing straight along the same road, and for that reason* ***the side road user must use more care****'*

Kif ukoll:

*Fl-Appell Civili Camilleri vs Demicoli deciz fis-27 ta' Lulju, 1981, dik l-Qorti ziedet tirritieni illi;*

*"il-grad ta' diligenza, prudenza u attenzjoni li l-utent ta' triq sekondarja obligat li jezercita huwa li jcedi ghat-traffiku ghaddej fit-triq principali li jesplora tajjeb it-triq u sahansitra jieqaf biex u sakemm jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara."*

U dak konsidrat b' referenza ghal sentenza ohra kwotata fl-istess sentenza fl-ismijiet Jeffrey Caruana vs Carmel Montesin deciza fit-13 ta' Lulju, 2010 fejn gie ritenut illi:

*...il-fatt centrali huwa li l-konvenut bhala utent tat-triq sekondarja, qabad u hareg fin-nofs tat-triq principali meta din it-triq ma kinietx libera mit-traffiku.*

Illi dawn kollha kellhom jitqiesu li kienu konsiderazzjonijiet applikabbli kollha kemm huma vis-a-vis s-sewwieq Keith Lia u li kellhom iwasslu ghall-konkluzjoni li kellu jkun hu li jitqies responsabbli ghall-incident mertu ta' dawn il-proceduri u li konsegwentement l-esponent ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet li tressqu fil-konfront tieghu peress li l-incident gie kkawzat minhabba n-nuqqasijiet imputabbli lill-istess Keith Lia – **konsiderazzjonijiet pero' li l-Ewwel Qorti ma ghamlet ebda accenn ghalihom fis-sentenza moghtija minnha - b' hekk din il-parti ta' dan l-aggravju.**

Illi dan kollu kellu wkoll iwassal ghall-konkluzjoni li l-esponent ma kien hati ta' ebda traskuragni jew nuqqas ta' hila fl-art jew professjoni u lanqas ma kien hati ta' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku. Daqstant iehor ma kellux jirrizulta li l-

esponent kien qed isuq l-imsemmi mutur b' manjiera traskurata jew li ma kienx qed izomm fuq il-linja tal-karreggjata tieghu, kif diga' spjegat.

Ikkunsidrat;

Illi in breve nhar il-wiehed u tletin (31) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) ghal habta tal-hdax u nofs (11:30hrs) fi Triq in-Naxxar, Birkirkara sehh incident bejn il-vettura misjuqa mill-parte civile Keith Lia bin-numru ta' registrazzjoni KTH211 u l-appellant Edward Zammit li kien qieghed isuq mutur bin-numru ta' registrazzjoni DOX 001.

Illi Keith Lia kien wieqaf fit-triq sekondarja mas-sinjal li jindika 'stop' izda wara li sewwieqa ta' karozza tal-linja li waqfet fit-triq principali kantuniera mat-triq sekondarja li fiha kien Keith Lia taghtu l-'*go ahead*' sabiex jipprocedi u hekk kif Keith Lia saq il'fuq ghat-triq principali sehh l-impatt mal-mutur misjuq mill-appellant li kien qiehed jinstaq fil-gemb, tul tal-linja. Gew sofferti hsarat fuq il-mutur u l-vettura filwaqt li l-appellant sofra griehi gravi. Sussegwentement inhargu akkuzi fil-konfront taz-zewg sewwieqa.

Quddiem l-Ewwel Qorti xehdet WPS 301 L. Vella permezz tal-procedura tal-affidavit. Gie prezentat *full road traffic accident report* u skizz. Xehdet wkoll Josianne Sultana. Gie prezentat ritratt immarkat bhala Dok. EZ1. Il-prosekuzzjoni esebit CCTV footage mmarkat bhala Dok PGS1 a fol 34. Xehed minn jeddu l-imputat Edward Zammit li prezenta *Case Summary* mahruga mill-isptar Mater Dei u sett ta' ritratti a fol 47 sa 52 u stampa ta' mutur a fol 53. Gew prezentati stills a fol 54 sa 62 immarkati bhala Dok EZ3[3] sa Dok EZ10. Giet prezentata kopja ta' sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar is-7 ta' Ottubru, 2015 fl-ismijiet '**Kevin Vella (I.D 127178M) vs David Briffa**'[4] immarkata bhala Dok.EZ11. Xehed ukoll Keith Lia. Gew prezentati numru ta' ritratti ta' screenshots tal-filmat immarkati bhala Dok KL1 sa Dok KL3.

[3] L-istills li jidhru a fol 54 u 55 huma lkoll immarkati bhala Dok EZ3.
[4] Bir-rikors numru:310/2007/JPG

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda l-apprezzament zbaljat tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti bil-konsegwenza li l-Ewwel Qorti sabet htija fil-konfront tieghu meta din il-htija ma kelliex tinstab u ma setghetx ragonevolment tinstab. Kif irritenew il-Qrati ta' Malta, din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghal konkluzjoni li waslet ghaliha. Illi kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spt. J. Agius) vs Guzeppi Bilocca**[5] :

*'Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il- Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is- sens "inter alia" l-Appelli Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**.[6]" ; "**Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi** [7]" ; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[8]"; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[9]" u ohrajn.'* (Emfazi mizjuda u dati tas-sentenzi citati jinsabu fin-noti ta' qiegh il-pagna)

Il-Qorti kompliet tikkunsidra:

*'Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn* ***LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY*** *fil-kawza "**R. v. Cooper**"[10] (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968)* (Dettalji dwar din il-kawza kif citata is-sentenza citata jinstabu aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna*):-*

---

[5] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Frar, 2009 (Appell numru 273/2008)
[6] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Mejju, 1994;
[7] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Frar 1989;
[8] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 1991;
[9] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 1991;
[10] [1969] 1 QB 276

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Ara wkoll **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE**[11]). (Referenza tinsab aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)

L-istess Qorti fl-istess sentenza[12] kompliet tikkunsidra li:

*'Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "__**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**__"*[13]*, inghad illi :-*

*"Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta .... , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l- apprezzament".* (Dettalji dwar din il-kawza kif citatati fis-sentenza citata jinsabu aktar l-isfel fin-noti ta' qiegħ il-paġna)

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant jissottometti li matul is-smiegh ta' dawn il-proceduri kellu jirrizulta li ghalkemm ix-xufier tal-karozza tal-linja pruvat tixhet it-tort ghall-incident fuq l-appellant, ghandu jirrizulta li l-istess xufier kellha effettivament ragunijiet ulterjuri ghalfejn pruvat tixhet it-tort fuq l-esponent u dan primarjament stante li fuq ammissjoni tax-xhud, kienet hi li ttawlet ghal Keith Lia u konsegwentement indikatlu biex johrog mis-*side road* meta din ammettiet ukoll li ma kinitx rat lill-esponent gej minn warajha bil-mutur u ghalhekk din kellha kull interess li tixhet it-

[11] (1991) , p. 1392

[12] Fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spt. J. Agius) Vs Guzeppi Bilocca' deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Frar, 2009 (Appell Kriminali Numru: 273/2008)

[13] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Dicembru 1994;

tort fuq l-appellant biex tezimi ruhha minn dik li setghet titqies in-nuqqas taghha li tindika lil Keith Lia biex dan johrog ghat-triq principali meta hija ma kinitx rat lill-appellant gej mill-genb taghha.

Illi din il-Qorti tibda billi taghmel referenza ghax-xhieda ta' Josianne Sultana ta' nhar id-dsatax (19) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) fejn xehdet li '*Jien kont għaddej bil-bus għax kont xogħol, u ġejja minn Ħal-Lija Birkirkara sejra direzzjoni lejn il-Belt. Jiġifieri hawnhek hawn il-mitħna u rajt il-lights weqfin. Jien waqaft. Ħdejn il-mitħna eżatt hawnhekk hawn side street u waqaft biex ma nagħlaqx it-triq peress li rajt it-traffiku wieqaf. Sadanitant qieghda wieqfa jien, minn din in-naħa ma kien ġej xejn.*' Spjegat li '*Jien waqaft ghax kien hemm it-traffiku biex ma nagħlaqx it-triq, kien hawn karozza hamra hawnhekk wieqfa, ittawwal in-naħa l-oħra ma kien ġej ħadd, din in-naħa ma kien ġej ħadd, f'daqqa waħda kif gie biex dar, mutur.*' Tghid li tal-karozza l-hamra hareg bil-mod izda tal-mutur jigifieri l-appellant gie bis-sahha, tghid dan peress li kienet ghada kif ittawwlet. Tghid ukoll li tal-mutur kien 'w*rong side*'.

Min-naha l-ohra l-appellant fl-appell tieghu jissottometti li skont l-iskizz it-triq in kwistjoni kellha wisa' ta' 8.2m li hi wisa' li tikkonferma li nofs it-triq kellha wisa' ta' circa 4.1m u li b'hekk tippermetti li mutur jibqa' fuq l-istess karreggjata ta' fejn kien hemm tal-linja li bejn wiehed u iehor jghid li ghandha wiesa ta' 2.54m li jghid li jirrizulta mir-referenza ghad-dettalji li jinsabu ndikati fuq is-sit elettroniku li huwa jaghmel referenza ghalih fl-appell tieghu ta' *buses* li gew introdotti Malta.

Din il-Qorti tibda′ biex tikkunsidra li ghalkemm skont l-iskizz prezentat a fol 12 jirrizulta li kif jissottometti l-appellant it-triq hija ta' wiesa ta' 8.2m, ma ngabet l-ebda prova quddiem l-Ewwel Qorti ta' kemm hi wiesa il-karozza tal-linja u ghalhekk l-appellant ma setghax fi stadju ta' appell jressaq prova gdida ossia billi jaghmel referenza ghal sit elettroniku meta dawk il-provi ma kienux quddiem l-Ewwel Qorti.

Madankollu fl-ewwel lok, din il-Qorti tikkunsidra li karozza tal-linja hija aktar wiesgha u gholja minn vetturi ohra u fit-tieni lok, l-Ewwel Qorti setghet tiddeciedi fuq dak li ngib quddiemha, ossia xhieda, filmat tac-CCTV, ritratti u screenshots tal-

istess CCTV. Din il-Qorti sejra aktar il'quddiem f'din is-sentenza tikkunsidra jekk mill-provi esebiti jirrizultax jekk l-appellant kienx qieghed ghaddej fuq il-karreggjata fid-direzzjoni li kien qieghed isuq fiha jew dik opposta.

Ikkunsidrat;

Illi meta xehed l-appellant Edward Zammit fis-seduta tat-tletin (30) ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) spjega li '*Kont ghaddej bil-mutur, fis-sens kont qed nislowja minhabba t-traffic lights. Ghaddejt minn magembu u ezatti x'hin wasalt magemb il-kabina, nara x-xufiera tghajjat.*' Xehed li kien qieghda jaghmel '*filtering*', jghid li kien hemm traffiku wieqaf ghax kien hemm *traffic lights* homor. Xehed li quddiem il-karozza tal-Linja kien hemm traffiku wieqaf. In kontro-ezami xehed li '*Jien at that point, x'hin gara l-impatt, qabel ma gara l-impatt, rajt il-karozzi weqfin. Fil-fatt kont qed 'nislowja'.*' Jikkonferma wkoll li kien jaf li hemm side street. Mistoqsi '*Kont taf li qed taqla'? Li qed taqla' minn wara tal-linja taf.*' Wiegeb '*Li qed naqla' tal-linja naf.*' Mistoqsi '*U li qed taqla' fil-vicinanza ta' side street, taf ukoll. Naqblu?*' wiegeb '*Imma s-side street kelha tkun maghluqa b'tal-linja.*' Mistoqsi '*Jigifieri meta qbiztha rajtha li kienet ilha wieqfa, jew waqfet u qbiztha mill-ewwel?*' wiegeb '*Le, tal-linja kienet wiqfa diga' x'hin jien kont gej minn warajha. Jiena komplejt bil-mod, filtering, sakemm nigi ghal mat-traffic lights, biex umbghad x'hin jeqilbu, nkompli ghaddej.*' Jghid li kien qieghed jaghmel '*Careful filtering*' u li kien ghaddej b'sebgha u ghoxrin (27) kilometru fis-siegha.

Illi mill-filmat jirrizulta li ma kienx hemm traffiku wieqaf qabel ma sehh l-incident. In oltre, din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti fejn ikkunsidrat li '*Meta wiehed jezamina l-filmat li gie ezebit jidher li x-xufier tal-linja vera waqfet biex ma tostakolax it-traffiku li gej mis-side road li minnha hareg Keith Lia, fil-fat jidher Keith Lia jigbed ghal-lemin biex jikkwartja u jdur lejn id-direzzjoni ta' Hal-Lija u hemmhekk jigi Edward Zammit bil-konsegwenza li jkun hemm impatt f'nofs it-triq. F'dik it-triq ma' hemmx linji tat-triq izda Edward Zammit kien ghaddej pjuttost lejn in-nofs, u dan ladabra kien qieghed jaqbez karozza tal-linja li hija karozza pjuttost wiesgha.*'

Din il-Qorti izda tosserva li kif ikkunsidrat mill-filmat, fit-triq in kwistjoni ma hemmx linja li tiddividi karrreggjata mill-ohra u l-angolu tal-kamera skont il-filmat prezentat jaghti x'jifhem li l-appellant kien ghaddej aktar lejn in-nofs tat-triq. Josianne Sultana fix-xhieda taghha quddiem l-Ewwel Qorti moghtija fid-dsatax (19) ta' Lulju tas-sena elfejn u sittax (2016) b'referenza ghas-sewwieq tal-mutur, ossia l-appellant li kien ghaddej '*wrong side*' fejn mistoqsija in kontro-ezami '*Issa t-triq fuq in-naħa tal-lemin tiegħek, jiġifieri minn fejn hemm il-lane l-oħra, naqblu li kien hemm, għax it-triq hija pjuttost wiesgħa f'dik il-biċċa, naqblu li kien hemm spazju biżżejjed kemm biex għaddi l-mutur u l-karozza li ġejja...*' wiegbet '*Ma tantx. Jien bil-bus kont mhux b'karozza.*' Biss pero', din il-Qorti mill-filmat li gie prezentant tasal ghal konkluzjoni fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni kif mistenni minnha fil-kamp penali li l-appellant kien ghaddej fuq il-karreggata l-opposta u li allura naqas milli jzomm fuq in-naha tax-xellug tat-triq.

L-appellant jissottometti li ghalkemm ma hemmx linji li jaqsmu z-zewg karreggjati, '*għandu pero jirrizulta li bejn iz-zewġ karreġġjati, lejn in-naħa tan-nofs tat-triq, it-tarmac jidher li kien aktar skur u u li l-esponent kien ghadda mill-mutur tiegħu fuq in-naħa tla-karreġġjata tiegħu meta għadda minn mal-karozza tal-linja tant li għadda fuq in-naħa ta' ġewwa tal-parti fejn hemm it-tarmac aktar skur.Kien ikun biss li kieku l-esponent kien fuq in-naħa esterna tat-tarmac skur li kien ikun jista' jitqies li kien kiser fuq in-naħa l-oħra tat-triq izda dan ma kienx il-kaz.*'

Din il-Qorti fliet il-filmat pprezentat u nnutat li f'xi waqtiet jidhru anke ftit qabel ma sehh l-incident, vetturi gejjin mid-direzzjoni opposta li kienu ghaddejjin fuq l-istess parti tat-triq jew kwazi l-istess punt fejn ftit tal-mument wara kien ghaddej il-mutur, pero' ma tistax tikkonkludi b'certezza morali li l-appellant ma kienx ghaddej mill-karreggata tad-direzzjoni li kien sejjer fiha. Ghalhekk abbazi tal-principju in dubio pro reo sejra tirriforma s-sentenza billi tirrevoka dik il-parti fejn sabet htija tal-hames (5) akkuza u sejra konsegwentement tillibera lill-appellant mill-hames (5) akkuza.

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant jissottometti li l-Ewwel Qorti erronjament ikkunsidrat li l-appellant kien ghamel manuvra ta' *overtaking* u mhux *filtering* meta huwa ma baqax wara l-karozza tal-linja meta din waqfet. Illi l-appellant jissottometti li l-manuvra li ghamel l-appellant ma setghetx titqies bhala ekwivalenti ghal *overtaking* ghax il-karozza tal-linja mhux biss kienet wieqfa fil-mument li hu ghadda minn hdejha izda kienet sahansitra tefghet fil-genb tant li kienet kwazi giet bi dritt il-bankina.

L-appellant jissottometti li kellu jitqies li qieghed jaghmel manuvra korretta ta' *filtering* meta huwa baqa' ghaddej u ma waqafx wara l-karozza tal-linja proprju ghaliex kienet waqfet u tefghet mal-gemb. Jissottometti li l-Ewwel Qorti kienet tkun korretta fil-konkluzjoni dwar *overtaking* li kieku l-appellant ghadda lil karozza tal-linja waqt li din kienet miexja jew kieku kienet qed tostakola l-karreggjata kollha.

Illi fil-filmat jirrizulta li tal-linja kienet ghadha kif waqfet mal-gemb tat-triq ftit tas-sekondi qabel ma deher il-mutur u sehh l-impatt. Ma jirrizultax li kien hemm traffiku wieqaf u ghalhekk ma jirrizultax dak li kien qieghed jaghmel l-appellant kien *filtering*. Lanqas ma jirrizulta li l-appellant naqqas l-ispeed jew li kien ghaddej b'kawtela u dan tenut kont tal-fatt li kien jaf li hemm *side stre*et tant li l-appellant Edward Zammit jghid li din is-*side street* kellha tkun maghluqa b'tal-linja, evidentement din ma kinitx u ghalhekk l-appellant ikkalkula erronjament. Kif tajjeb osservat l-Ewwel Qorti il-fatt li ma hemmx sinjal ta' '*no overtaking*' ma jfissirx li tista' taqbad u taqbez. Dak li jirrizulta car huwa li t-triq in kwistjoni hija maghmulha minn zewg karreggjati, wahda fuq kull naha fejn ma hemm l-ebda sinjal li jiddividi karreggata minn ohra biss pero' f'kull karreggata huwa mistenni li tghaddi vettura wahda u ghalhekk la darba kien hemm karozza tal-linja u l-appellant li ghadda ma gemba, fil-fehma ta' din il-Qorti dan huwa klassifikat bhala *overtaking* anke jekk il-karozza tal-linja kienet ghada kif waqfet.

Kif tajjeb osservat l-Ewwel Qorti '*Il-punt kollu ta' din il-kawza hu jekk ix-xufier tal-mutur Edward Zammit, kellux id-dritt li jaqla' lil tal-linja f'dik ic-cirkostanza u jekk il-*

*manuvra tieghu f'dik ic-cirkostanza dak in-nhar kenitx wahda ta' filtering jew overtaking. L-ufficcjal prosekutur jghid li fit-triq ma kienx hemm sinjali ta' no overtaking. IL-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument, l-overtaking ma jistax isir kif gie gie, u cioe' ladarba m'ghandekx sinjal ta' no overtaking allura tista' taqbad u taqbez il-karozzi bl-addocc, fis-sewqan u fit-triq dejjem irid ikollok il-proper look out u kull sewwieq irid jara li l-manuvra li se jaghmel hija wahda sigura kemm ghalih innifsu u kemm ghal haddiehor.'* Din il-Qorti taqbel ukoll mal-Ewwel Qorti fejn ikkunsidrat li *'Huwa car li Edward Zammit ma kienx qed jezercita cautious filtering dak il-hin. Huwa ra li tal-linja kienet wiefqa u imissu waqaf warajha jew maghha ezatt mhux baqa' gej.'*

In oltre, kien l-appellant stess fejn minkejja f'xi waqtiet fix-xhieda tieghu jghid li dak li kien qieghed jaghmel kien '*filtering*', jghid ukoll '*Li qed naqla' tal-linja naf.*' u li '*Imma s-side street kellha tkun maghluqa b'tal-linja.*' u ghalhekk jikkonferma li kien qieghed jaqla' lil karozza tal-linja izda li haseb li s-side street kienet maghluqa b'tal-linja, meta evidentement din ma kinitx.

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant jissottometti wkoll li l-Ewwel Qorti kkonkludiet li l-appellant messu baqa' wara l-karozza tal-linja meta din waqfet u dan minkejja li mill-filmat ta' cctv kellu jirrizulta li din il-karozza tal-linja mhux biss kienet waqfet izda kienet tefghat fil-genb u b'mod inklinat, b'mod li ppermetiet lill-esponent sabiex jibqa' ghaddej minn ma genb l-istess bus minghajr ma jaffetwa l-karreggjata l-ohra. Din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward u dan specjalment minhabba l-fatt li kien hemm side street daqtsant vicin. In oltre, l-appellant ma kellux jibqa' ghaddej ma gemb tal-karozza tal-linja li kienet ghada kif waqfet u li ghalhekk certament li ma setghax jiddetermina x'kienet ir-raguni li l-karozza tal-linja kienet wieqfa.

L-appellant jghid li kien is-sewwieq l-iehor Keith Lia li kellu jitqies li meta kiser ghal fuq il-main road huwa kiser b'mod traskurat u inkorrett u dan ghaliex skont l-appellant is-sewwieq l-iehor qata' angolu kwazi b'mod dritt minflokk b'mod angolat u li kien ghalhekk li spicca dahal fuq l-appellant *head on* meta l-vettura tieghu ma

kinitx ghada waslet ghal fuq il-karreggjata opposta proprju ghax kiser l-angolu hazin u baqa' hiereg b'mod kontinwu flokk waqaf bi dritt il-karozza tal-linja flokk baqa' hiereg oltre.

Dwar l-angolu li bih il-vettura l-hamra daret, din il-Qorti la darba l-filmat juri perspettiva wahda ma tistax tiddetermina jekk dak li l-appellant qieghed jikkontendi ossia li Keith Lia kiser angolu hazin huwiex il-kaz. Din il-Qorti biss pero' kif sejra tikkunsidra aktar il-quddiem issib li s-sewwieq tal-karozza l-hamra ossia Keith Lia kien traskurat fis-sewqan tieghu meta strah fuq '*go ahead*' moghti mis-sewwieqa tal-karozza tal-linja meta ma kellux vizwali ta' x'kien hemm ma gemb jew wara l-karozza tal-linja. Din it-traskuragni hija anke kkonfermata mal-fatt li meta hareg minn din it-triq sekondarja huwa ma lemahx il-mutur u lemhu biss mal-impatt.

Ikkunsidrat;

L-appellant jissottometti wkoll '*Illi għandu jirrizulta wkoll li l-istess xufier tal-bus ikkonfermat ukoll li effettivament mid-direzzjoni opposta ma kien ġej ebda traffiku peress li kien hemm red lights aktar 'il quddiem - raġuni li tispjega għalfejn l-esponent, meta ra lill-bus titfa' fil-ġenb, għażel jibqa' għaddej, mhux biss għaliex kellu bizzejjed spazju li jgħaddi fl-istess karreġjata tal-bus izda anki għaliex minn faċċata ma kien gej ebda traffiku*'. L-appellant jghid li dan il-fatt ma giex ikkunsidrat mill-Qorti. Jghid li kien proprju ghax tal-linja tefghet mal-gemb u minn faccata ma kien gej ebda traffiku li kien korrett fic-cirkostanzi li jibqa' jsuq minn ma gemb il-bus u mhux jieqaf warajha. Wiehed setgha jakkolja dan l-argument li kieku t-triq kienet aktar wiesgha u f'kaz li ma kienx hemm *side street* daqstant vicin u li kieku l-appellant accerta ruhu li l-karozza tal-linja kienet wieqfa u li ma kienx hemm perikli u allura mhux li wieqfa biex iccedi lil vettura li kienet fuq it-triq sekondarja. L-appellant kellu jkun kawt fis-sewqan tieghu u kellu ghalhekk jieqaf wara tal-linja jew hdejha u mhux jibqa' ghaddej bl-istess velocita.

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant jissottometti wkoll li Keith Lia fix-xhieda tieghu kkonferma li baqa' hiereg mis-*side road* ghal fuq il-*main road* minkejja li l-karozza tal-linja li kienet waqfet fit-triq principali kienet qed tostakolalu l-vizwal tal-istess triq minn fejn kien gej bil-mutur l-appellant.

Illi meta xehed Keith Lia fis-seduta tat-tletin (30) ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) in kontroezami spjega wkoll li '*Harist lejn tal-linja, ix-xufiera tal-linja, u bhal speci x'hin 'acknoweledgjatni' biex nghaddi, cedietli, waqfitli biex nohrog, bdejt il-manuvra biex nikser il'fuq.*' Jghid li aghfas il-brake x'hin hass id-daqqa ghax ma rahx. Jghid li '*bbrekjajt x'hin ovvjament kien l-impatt. Jigifieri ma bqajtx ghaddej ovvjament.*' Mistoqsi kif ma rax il-mutur, jghid '*Ghax ma kienx ghaddej bi speed baxx. U ovvjament kien hemm il-kabina tal-linja tax-xufiera.*' Mistoqsi dwar il-vizwal, wiegeb li '*Wara tal-linja ma kellix. Ma kontx qed nara, ghax tal-linja kienet twila.*'

Din il-Qorti tqis illi la darba Keith Lia ma kellux vizwal u anke jekk l-ebda vettura jew f'dan il-kaz mutur ma kellha taqbez tal-linja, Keith Lia kellu jiehu l-prekawzjonijiet kollha inkluz illi ma jiehux ir-riskju li johrog minn quddiem il-karozza tal-linja b'fiducja ghamja f'din it-terza persuna ossia s-sewwieqa tal-linja meta huwa ma setghax jara b'ghajnejh dak li kien hemm ma gemb jew wara l-karozza tal-linja li kienet tinstab fit-triq principali kantuniera mat-triq sekondarja li minnha ried johrog. In oltre, minkejja li jirrizulta li Keith Lia ma qabadx u qasam minn fuq is-sinjal 'stop', anzi baqa' jistenna sakemm waqfet il-karozza tal-linja u taghtu l-'*go ahead*', huwa kellu jkun ferm kawt bil-mod ta' kif jimmanuvra ghat-triq principali mhux biss tal-mument ta' meta jista' jipprocedi mill-istop izda anke tal-mod ta' kif ghandu jimmanuvra meta qieghed jaqsam ghal karreggata l-aktar 'il gewwa. Ghalkemm din il-Qorti mhijiex tghid li vetturi jew f'dan il-kaz mutur saq b'mod korrett meta ma stenniex wara l-karozza tal-linja, vetturi li johorgu minn *side street* kellhom jahsbu ghall-eventwalita ta' nuqqas da parti ta' vetturi jew f'dan il-kaz mutur.

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant jissottometti wkoll li Keith Lia lanqas ghafas il-break qabel mal-vettura tieghu laqtet il-mutur misjuq mill-appellant tant li baqghet timxi il' quddiem ghal xi metri sahansitra wara l-impatt. Keith Lia fis-seduta ta' nhar it-tletin (30) ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) mistoqsi in kontro-ezami:

'*Avukat: Fil-mument illi inti rajt il-karozza l-ohra, il-mutur l-iehor gej, ghamilt xi break mark? Hawn, ibbrejkjajt?*
*Xhud: Brejkjajt x'hin hassejt id-daqqa bazikament ghax ma rajtux.*
*Avukat: Jekk nghidlek li fil-fatt il-karozza wara l-impatt ma waqfitx mal-impatt imma baqghet miexja iktar il'quddiem tiftakar?*
*Xhud: Iva. Il-karozza bl-ADSL ukoll.*
*Avukat: Issa, u li fil-fatt baqghet miexja ghaliex inti bbrejkajt wara li sar l-impatt?*
*Xhud: Pero' jiena bbrejkjajt x'hin ovvjament kien l-impatt. Jigifieri ma bqajtx ghaddej ovvjament.*
*Avukat: Mela ha nurik Dok EZ6 li ezatti x'hin sehh l-impatt u EZ7. Ara taqbilx mieghi, tikkonferma li wara li sehh l-impatt, bqajt miexi bejn wiehed u iehor tul ta' karozza? Bqajt miexi tul ta' karozza.*
*Xhud: U zgur. Jien ovvjament kif ghidt, x'hin rajtu bhal speci nhsadt u r-reaction time ovvjament sakemm tibbrejkja u tieqaf il-karozza, jkun hemm certu tul.*'

Ghalkemm din il-Qorti tifhem li bil-hasda Keith Lia u bejn meta ghafas il-brake ghal meta waqfet il-karozza kien hemm distanza qasira, din il-Qorti hija tal-fehma li Keith Lia setgha zamm *proper lookout* ahjar meta gie biex jaqsam zewg karreggati u setgha lemah lil mutur f'mument aktar kmieni. L-appellant jissottometti kalkolu approssimattiv tal-velocita' li l-appellant kien ghaddej biha ma gemb il-karozza tal-linja bbazat fuq it-tul tal-karozza tal-linja, tul skont l-appellant mehud minn fuq sit elettroniku u li ma ngabx quddiem l-Ewwel Qorti fejn ikkalkula li ghaddiet sekonda u nofs biex l-appellant ghadda t-tul tal-karozza tal-linja u li ghalhekk skont l-appellant iwaslu ghal 21.6km fis-siegha.

Din il-Qorti tikkunsidra li setgha jkun biss espert li jasal ghal velocita' li kien ghaddej biha l-appellant u ghalhekk la l-appellant u hadd iehor ma setgha jasal ghal velocita' li l-appellant kien ghaddej biha u dan anke in vista li ma ngabitx prova quddiem l-

Ewwel Qorti tat-tul tal-Karozza tal-Linja. Ghalhekk is-sottomissjoni tal-appellant li skont kalkoli maghmulha minnu meta ha t-tul tal-karozza tal-linja abbazi ta' dettalji provduti fuq sit elettroniku u mhux abbazi fuq provi migjuba quddiem l-Ewwel Qorti tmur lil hinn minn dak li kellha quddiemha l-Ewwel Qorti. Minkejja li l-Ewwel Qorti kkunsidrat li l-appellant kien ghaddej b'velocita ta' aktar minn sebgha u ghoxrin (27) kilometru fis-siegha li huwa xehed, l-appellant ma nstabx hati ta' velocita' eccessiva tant li lanqas gie akkuzat b'tali imputazzjoni, bhal kif lanqas Keith Lia ma jirrizulta li saq minn fuq l-istop sign b'velocita' eccessiva. F'dak il-kaz, il-konsegwenzi kienu jkunu hafna aktar serji. Fil-kamp penali, kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement tal-agir tas-sewwieq l-iehor, sakemm ir-responsabbilta' ma tkunx unikament tas-sewwieq l-iehor. Fil-kaz in ezami, kif ikkunsidrat jirrizulta li hemm nuqqas ossia traskuragni fis-sewqan taz-zewg sewwieqa.

Din il-Qorti qieghda tilqa' dan l-aggravju limitatament abbazi tal-kunsiderazzjonijiet maghmulha minn din il-Qorti.

Ikkunsidrat;

Illi t-tieni aggravju jirrigwarda punti legali u gurisprudenzjali li l-Ewwel Qorti naqset milli tapplika minkejja l-applikabilita' u relevanza tal-istess punti.

L-appellant ghamel referenza ghar-regolamenti 76 u 82(1) li l-appellant isejhilhom *artikoli* tal-Legislazzjoni susidjajra 65.11 imsejjha 'Regolamenti dwar il-vetturi bil-mutur'. Liema regolamenti jaqraw kif isegwi:

*'76. Triq prinċipali hi dik li t-traffiku kollu li jkun għaddej minnha jkollu d-dritta għas-sewqan u t-traffiku fit-toroq kollha li jagħtu għaliha għandhom jagħmlu l-wisa' lil dak tat-triq prinċipali, iżda d-driver ta' kull vettura sew fi triq prinċipali sew f'waħda sekondarja għandu joqgħod attent il-ħin kollu u għandu jieħu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa f'kull kantuniera'*

*'82(1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tar-regolament 84, meta żewġ vetturi jkunu resqin lejn xulxin f'salib ta' toroq tal-istess importanza, id-driver tal-vettura bil-mutur li għandu mal-lemin tiegħu l-vettura bil-mutur l-oħra, għandu jħalli din il-vettura l-oħra jgħaddi. Id-driver ta' vettura li jkun ġej minn triq sekondarja għal triq prinċipali għandu jħalli jgħaddi t-traffiku tat-triq prinċipali.'*

L-appellant jissottometti li l-oneru principali kellu jitqies li kien dak tas-sewwieq Keith Lia tenut kont li dan kien hiereg minn side street ghal fuq triq principali. Illi din il-Qorti hija tal-fehma li kieku l-appellant ma kienx qieghed jaqla' tal-linja, jigifieri li kieku l-Qorti kellha sitwazzjoni quddiema fejn il-karozza tal-Linja baqghet issuq, u l-appellant baqa' jsuq warajha minghajr ma pprova jaqbizha u Keith Lia iddeciedi li johrog mis-*side street*, f'dak il-kaz din il-Qorti kienet taqbel li t-tort hu unikament ta' Keith Lia. Pero' dan mhuwiex il-kaz li l-Ewwel Qorti u li din il-Qorti ghandha quddiema. Keith Lia kien qieghed jistenna fuq l-istop sign u kien biss meta il-karozza tal-linja waqfet u ghamlitlu sinjal li setgha jaqsam li huwa pproceda biex jaqsam. Minkejja li kif ikkunsidrat din il-Qorti ssib li Keith Lia huwa wkoll hati ta' sewqan traskurat u dan in vista tal-obbligi tieghu bhala sewwieq li kien hiereg minn triq sekondarja ghal fuq triq principali, dan ma jfissirx li l-appellant mhuwiex hati ta' sewqan traskurat u dan tenut kont ta' kif ikkunsidrat huwa ma messu qatt ghadda ma gemb il-karozza tal-linja meta kien hemm triq sekondarja li taghti ghat-triq li kien ghaddej minnha daqstant vicin u meta l-karozza tal-linja kienet ghadha kif waqfet u li allura ma setghax jiddetermina b'certezza r-raguni ghala l-karozza tal-linja kienet wieqfa anke jekk din kienet vicin il-bankina.

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant issottometti wkoll li s-sentenza appellata injorat l-obbligi legali ta' min ikun hiereg minn *side road*. Huwa ghamel referenza ghar-regolament 71 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 li jipprovdi:

*71. Kull min ikun isuq vettura għandu, qabel ma jilwi kantuniera jew qabel ma jersaq lejn salib it-toroq, imexxi bil-mod u jagħmel sinjal biex juri għal liema naħa bi ħsiebu jiġbed.*

Illi l-appellant jissottometti li l-Ewwel Qorti erronjament ikkunsidrat li Keith Lia ma kienx hati ta' ebda nuqqas ta' *proper lookout* mentri l-gurisprudenzna dwar dan il-punt tikkonferma li l-istess sewwieq kien hati ta' nuqqasijiet ta' osservanza ta' dawk li kellhom jitqiesu li kienu l-obbligi magguri tieghu bhala sewwieq li kien hiereg minn side road. L-appellant jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Kevin Vella vs David Briffa**[14]'. Din il-Qorti sejra ticcita partijiet minn din is-sentenza fejn gie ikkunsidrat li:

'*Gie sodisfacentement stabbilit illi l-konvenut kien f'salib it-toroq, hiereg minn triq sekondarja ghal fuq triq principali. Fl-istop sign, huwa jafferma illi naqqas l-ispeed, u waqaf biss meta ra l-mutur tal-attur gej ghal fuqu.*'

Ikkunsidrat ukoll:

'*Huwa risaput li kull utilista tat-triq huwa tenut illi jzomm a proper look-out ghall- utilisti ohra tat-triq.*

*Infatti l-**awtur Ingliz Gibb** Collisions on the Highway:*

*"It is the duty of every motorist to look where he is going and to keep a reasonably careful look-out for other road users so that a collision may be avoided. He must not look only straight ahead but also towards the side, especially at street junctions."*

*Dan il-kuncett ta' proper look-out gie addottat mill-Qrati Inglizi fil-kawzi **Newhaus N.D. vs Bastion Insurance Co. Limited** , fejn il-Qrati Inglizi rritenew:*

*"Keeping a proper look-out means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well."* (Emfazi mizjuda)

Dik il-Qorti[15] fost numru ta' kunsiderazzjonijiet, ikkunsidrat li:

---

[14] Deciza mil-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar is-7 ta' Ottubru, 2015 (Rikors numru: 310/2007/JPG)
[15] Fis-sentenza fl-ismijiet 'Kevin Vella (I.D 127178M) vs David Briffa, deciza mil-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar is-7 ta' Ottubru, 2015 (Rikors numru: 310/2007/JPG)

*'Madanakollu pero`, huwa fatt inkontestat li l-oneru tal-utent tat-triq laterali huwa aktar gravuz minn dak tal-utent tat-triq principali ghaliex il-manuvra li jkun ser jaghmel, fiha nnfisha, tiddisturba l-kors ordinarju tat-traffiku li jkun ghaddej mit-triq principali (Stagno Navarra vs Saliba – Kollez. Vol. XLV.I.389)'*

Ikkunsidrat ukoll li:

*L-awtur **Gibb** f pagna 62 tal-ktieb The Trial of Motor Car Accident Cases jsostni:*

*" ... The side road user has a higher duty only in the sense that anyone who is called to fulfil a duty which is riskier than another duty is bound to use greater care than he who carries the other. Entering one road from another is more difficult than continuing straight along the same road, and for that reason the side road user must use more care."*

*Huwa car allura li r-regoli tat-traffiku ixaqilbu nettament lejn it-tezi tar-rikorrenti l- oneru li kellu l-intimat kien bil-wisq akbar minn dak tar-rikorrent fis-sens li kellu jkun l-istess intimat li jcedi ghat-traffiku gej mit-triq principali u allura minn fejn kien gej r-rikorrent.*

F'dik is-sentenza gie kkunsidrat ukoll li:

*'Ghandu jizdied li meta l-konvenut iddecieda li johrog fit-triq principali huwa beda hiereg bil-mod. Evidentement dan kien zball. Meta l-konvenut iddecieda li johrog fit- triq principali kellu jkun deciz u determinat, jqis li ma kienx hemm xkiel u jesegwixxi din il-manouvra mill-bidu sal-ahhar minghajr perikolu ghalih u ghall- utilisti l-ohra tat-triq.'*

Din il-Qorti taqbel li Keith Lia ma setghax jitqies li kien jaf dak li kien qed jigri madwaru ladarba il-karozza tal-linja ostakolatlu l-vista ta' naha wahda tat-triq anke jekk kienet naha li Keith Lia ma stenniex li ser jghaddi mutur meta il-karozza tal-Linja waqfet fl-istess karreggati. Huwa kellu johrog biss ghat-triq principali meta jkollu vizwali tajba u bizzejjed biex jaghtuh dak is-serhan tal-mohh li sejjer jaghmel manuvra minghajr periklu. Din il-Qorti biss pero' taghmilha cara li kif jixhed il-filmat, Keith Lia ma qabadx u saq minn fuq l-istop sign. Kien hekk kif waqfet tal-linja li huwa pproceda li jsuq.

Ikkunsidrat;

Illi l-Ewwel Qorti ikkunsidrat li:

*'Il-Qorti tifhem li Keith Lia hu u hiereg ftit li xejn seta' jkollu vizwali cara ta' vetturi li setghu kienu qegdin jaqbzu lil tal-linja u dan peress li tal-linja hija karozza gholja.*

*Madankollu l-Qorti taqbel li Keith Lia ghamel dak li f cirkustanzi simili bonus paterfamilias jaghmel. Ladarba l-karozza tal-linja waqfet biex iccedi u hu ra li ma kienux gejjin karrozi mid-direzzjoni tax-xellug ghaliex kien hemm il-pelican lights homor seta' johrog mill-istop sign sabiex imur fejn ghandu jmur. Keith Lia ezercita l-proper look out kollu li seta' jezercita' fic-cirkostani kollha tal-kaz in ezami. Keith Lia ma kellux ghalfejn ragonevolment jistenna li kien se jigi mutur jaqbez lil tal-linja u jahbat mieghu.'*

Din il-Qorti mhux daqstant taqbel ma din l-asserzjoni u dan peress li minkejja li kif sewwa kkunsidrat l-Ewwel Qorti Keith Lia ra li ma kienux gejjin karozzi mid-direzzjoni tax-xellug ghax kien hemm pelican lights homor ma kellux ghalfejn ragonevolment jistenna li kien se jigi mutur jaqbez lil tal-linja, jibqa' l-fatt li tal-linja kienet qieghda tattilu l-vizwali u ghalhekk kellu jaqsam biss meta kellu l-vizwali favurih u allura kellu l-obbligu sagrosant li jzomm *proper lookout*. In oltre, il-karozza kienet ghada kif waqfet u ghalhekk ma setghax ikollu dik ic-certezza li mhux ser ikun hemm kaz ta' vetturi li jipprovaw jaqbzu lil tal-karozza tal-linja. Dan pero' ma jnaqqas xejn mir-responsabbilta' tal-appellant li mhux biss saq il-mutur b'manjiera traskurata izda anke kkaguna hsara ghad-dannu ta' Keith Lia. F'dan ir-rigward, din il-Qorti taghmel referenza ghar-regolament 184 tal-Kodici ghat-Traffiku fit-Triq (Highway Code) li jipprovdi specifikament:

*'TAQLAX VETTURI OĦRA meta tkun qed tavviċina:*

- *post ta' qsim għall-pedestrians, pelican crossing jew traffic lights;*
- *triq li tagħqad m'oħra;*
- *kantuniera jew liwja iebsa;*
- *il-quċċata ta' għolja;*
- *post fejn il-livell tat-triq ikun se jitbaxxa u jerġa' jogħla f'daqqa.'*

L-appellant ma messu qatt baqa ghaddej ma gemb tal-linja meta kien jaf li kien hemm triq sekondarja li taghti fuq din it-triq li kien ghaddej minnha u meta din il-karozza tal-linja kienet ghada kif waqfet, anke jekk skont l-appellant din kienet

tefghet fil-gemb. Kif jipprovdi l-Kodici ghat-Traffiku fit-Triq (Highway Code) fir-regolament 181:

'*Qatt taqla' vettura oħra qabel MA TKUN ĊERT li tista' tagħmel dan mingħajr periklu għalik jew għal ħaddieħor. Oqgħod attent speċjalment meta jkun qed jidlam jew ikun hemm iċ-ċpar, għax huwa diffiċli ħafna li tikkalkula l-veloċità jew id-distanza.*'

Din il-Qorti taghmel referenza wkoll ghar-regolament 74 li jipprovdi senjatament ghal sewwieqa tal-muturi li:

***'Meta ddur***

***74.*** *Għandek tkun taf x'hemm warajk u fil-ġnub tiegħek qabel ma ddur. Ħares warajk; uża l-mirja li jkollok imwaħħlin. Meta tkun qed taqla' queues tat-traffiku, oqgħod attent għall-pedestrians li jkunu qed jaqsmu minn bejn il-vetturi u għal vetturi li ħerġin minn salib it-toroq.*'

L-appellant jammetti li huwa haseb li s-*side street* kienet maghluqa b'tal-linja, tant li xehed fis-seduta tat-tletin (30) ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) li '*Imma s-side street kelha tkun maghluqa b'tal-linja.*' Din il-Qorti wkoll taqbel mal-Ewwel Qorti li huwa ta' periklu kbir meta sewwieq jiddeciedi li jaghmel manuvra ta' overtaking meta jkun hemm triq li taghqad ma ohra u skont l-Ewwel Qorti '*din is-sitwazzjoni l-Kodici ghat-Traffiku fit-Triq isemmiha ghaliex tezisti sitwazzjoni fejn xi hadd li johrog minn stop sign ghaliex ikun qed icedilu xi hadd jista' jqieghed hajtu fil-periklu jekk xi vettura ohra tkun qed taqla' l-vettura li cediet kif gara f'din ic-cirkustanza.*'

Din l-Qorti ghalkemm ma taqbilx kompletament mal-kunsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti li '*keith lia ghamel dak li kien mistenni minnu meta l-vettura tal-linja cedietlu biex johrog*' biss pero' taqbel li '*Edward Zammit minghajr proper look out u minghajr ma ta kaz ir-regolamenti tat-traffiku kif issemma hawn fuq ghamel dak li ma kienx mistenni minnu, u qabad jaqla l-vettura tal-linja bil-konsegwenza li wegga' ladarba kien hemm l-impatt mal-vettura ta' Keith Lia.*'

Din il-Qorti ghar-ragunijiet kkunsidrati qieghda tilqa' limitatament it-tieni (2) aggravju.

Ghalhekk din il-Qorti taqbel li l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment issib lill appellant hati tal-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuza izda ghar-ragunijiet kkunsidrati fl-ewwel aggravju sejra tirrevoka dik il-parti tas-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn sabet lill-appellant hati tal-hames (5) akkuza u sejra konsegwentement tilliberah minn din il-hames (5) akkuza.

Kif ikkunsidrat, l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet htija ta' sewqan traskurat taht it-tieni (2) akkuza u dan fl-ambitu ta' dak ikkunsidrat li jaqa taht id-definizzjoni ta' sewqan traskurat' moghtija fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Alfred Mifsud'**[16] fejn gie kkunsidrat:

*"**Sewqan traskurat** (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilħaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq raġonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jinċidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta ukoll ghal sewqan traskurat.'*

In oltre, din il-Qorti osservat li l-parti disposittiva tas-sentenza appellata ghamlet referenza ghall-artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta minghajr ma ndikat taht liema subartikolu kienet qieghda ssib htija. Dan l-artikolu jaqra li:

*'Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna ħruq, jew jagħmel xi ħsara jew iħassar jew jgħarraq xi ħaġa, kif imsemmi f'dan is-sub-titolu, jeħel, meta*
*jinsab ħati -*
*(a) jekk minħabba f'hekk tiġri l-mewt ta' persuna, il-piena stabbilita fl-artikolu 225;*
*(b) jekk minħabba f'hekk xi ħadd ibati offiża gravi fuq il-persuna, li tkun iġġib il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur jew multa mhux iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37);*

[16] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 ta' Mejju, 1997

*(ċ) jekk minħabba f'hekk xi ħadd ibati offiża gravi mingħajr il-konsegwenzi hawn fuq imsemmija, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur jew multa mhux iżjed minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69);*
*(d) f'kull każ ieħor, il-piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn tliet xhur jew il-multa jew il-pieni tal- kontravvenzjonijiet:*
*Iżda fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafu (d), ħlief meta l-ħsara tkun kaġunata fi proprjetà pubblika, ħlief vettura bil-mutur, jistgħu jittieħdu proċedimenti biss bil-kwerela tal-parti offiża:*
*Iżda wkoll meta jittieħdu l-proċedimenti msemmija fil-paragrafu (d) fir-rigward ta' ħsara kaġunata fuq vettura bil-mutur, li tkun proprjetà pubblika, bil-kwerela tal-kap ta' dak id-dipartment tal-Gvern li jkun inkarigat minn dik il-vettura, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 374(d) ma għandhomx japplikaw għal dawk il-proċedimenti wara li l-kwerelant ikun ikkonferma l-kwerela tiegħu bil-ġurament quddiem il-qorti u l-assenza tal-kwerelant mill-qorti f'kull stadju tal-proċedimenti ma għandha bl-ebda mod taffettwa l-legalità tal-proċeduri u lanqas ma tiġi kkunsidrata li tikkostitwixxi l-irtirar tal-kwerela.*'

Mill-provi prodotti jirrizulta li la darba l-ewwel (1) akkuza kienet si tratta ta' hsarat involontarji ghad-dannu ta' Keith Lia u stante li l-hsarat ma gewx kwantifikati, hija kienet qieghda ssib htija taht is-subartikolu (d) ta' dan l-artikolu.

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant ma pprezentax aggravju ad hoc dwar il-piena inflitta mill-Ewwel Qorti. Biss pero' tenut kont li din il-Qorti qieghda fl-ewwel lok tirrevoka dik il-parti tas-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn sabet htija tal-hames (5) akkuza u qieghda minflokk tilliberah minn din l-akkuza u in vista anke tal-fatt li din il-Qorti kkunsidrat in-nuqqasijiet kommessi mill-parte civile Keith Lia, sejra ghalhekk tikkunsidra jekk ghandiex tvarja l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti.

Din il-Qorti wara li qieset id-dinamika tal-incident u l-provi prodotti ma thoss li ghandha tnaqqas il-multa inflitta mill-Ewwel Qorti u dan in vista li l-multa inflitta mill-Ewwel Qorti hija wahda ragonevoli fic-cirkostanzi anke meta tqies li din il-Qorti mhijiex issib htija tal-hames (5) akkuza u li l-fatt li anke l-parte civile huwa hati ta'

sewqan traskurat ma jnaqqas mir-responsabbilta' tal-appellant.

In oltre, l-ordni tal-Ewwel Qorti ghall-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien tmint' (8) ijiem huwa l-minimu li tipprovdi ghalih il-ligi taht l-artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, u sejra ghalhekk tikkonferma l-piena moghtija mill-Ewwel Qorti fl-intier taghha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' limitatament l-appell kif ikkunsidrat, u qieghda tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma fejn ma sabitx htija tat-tielet (3) u r-raba' (4) akkuzi u qieghda thassar dik il-parti tas-sentenza fejn sabet htija tal-hames (5) imputazzjoni u qieghda minflokk tilliberah mill-hames (5) akkuza u qieghda ghalhekk issib lill-appellant hati tal-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuzi. Din il-Qorti qieghda tikkonferma l-piena inflitta mill-Ewwel Qorti kemm fil-kundanna ghal has ta' multa kumplessiva ta' mitejn ewro (€200) kif ukoll fejn ordnat l-iskwalifika ta' kull licenzja tas-sewqan tal-appellant ghal tmint (8) ijiem li tibda' ghaddejja minn nofs il-lejl ta' llum.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur